

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000210/2011**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Jan Philipp Albrecht, Rui Tavares, Judith Sargentini, Eva Lichtenberger, Raül Romeva i Rueda, Christian Engström**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data

Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data (Direttiva 2006/24/KE) ippreżentat fit-18 ta' April 2011 ikkonkluda li hemm differenzi bejn il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fl-oqsma tal-limitazzjoni tal-iskop, l-aċċess għad-data, il-perjodi taż-żamma, il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-data u l-istatistika. Tliet Stati Membri ma baqgħux f'konformità mad-direttiva minħabba li l-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tagħhom ġiet annullata mill-qrati kostituzzjonali rispettivi tagħhom; filwaqt li dawn it-tliet pajjiżi qed tittieħed azzjoni legali kontrihom jew inkella ġew mhedda b'azzjoni legali, ma ġiet proposta l-ebda azzjoni simili fil-konfront ta' pajjiżi li huma identifikati mill-Kummissjoni li ttrasponew id-direttiva ħażin b'modi li jonqsu milli jagħtu protezzjoni adegwata tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;

Id-direttiva ma armonizzatx kompletament l-approċċ għaż-żamma tad-data u ma ħolqitx kundizzjonijiet ta' parità għall-operaturi.

Skont il-KEPD, id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data tmur kontra d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data u setgħet tkun irregolata b'mod li jtelief anqas il-privatezza.

1. Il-Kummissjoni fuq liema bażi temmen li attwalment m'għandhiex obbligu legali li tirrevoka d-direttiva, minħabba li r-rapport ta' evalwazzjoni ma setax jagħti prova tal-ħtieġa ta' dan?
2. Il-Kummissjoni fuq liema bażi rrifjutat il-kunċett tal-preservazzjoni tad-data ("quick freeze") fir-rapport ta' evalwazzjoni?
3. Il-Kummissjoni għalfejn għadha biġnsiebha tibda proċedimenti ta' ksur kontra ċerti Stati Membri, jekk il-Kummissjoni stess tħoss il-ħtieġa li tirrevedi d-direttiva u konsegwentement kull leġiżlazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni?
4. Wara li l-High Court tal-Irlanda ppermettiet li l-liġi dwar iż-żamma ta' data tiġi kkontestata fil-Qorti tal-Ġustizzja (QĠ) tal-UE, il-Kummissjoni meta tistenna li l-QĠ tiddeċiedi dwar il-legalità tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data?

Imressqa: 21.9.2011

Mgħoddija: 23.9.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 30.9.2011